MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-28 ta' April, 2005

Appell Kriminali Numru. 59/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. S. Galea)**

**Vs**
Anthony Sacco

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli, biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu, fixkel lil martu SallyAnne fil-pussess ta' hwejjigha, meta ha diversi oggetti mid-dar matrimonjali "Country Cottage", Triq ic-Cili, Naxxar, bejn Gunju u Dicembru, 2001, u inoltre talli, f'Lulju 2001, fixkel lil martu fil-pussess ta' hwejjigha meta ha file dokumenti w karti mid-dar "Thomastown" 37 Triq Guze Borg, San Gwann.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Marzu, 2005, li biha, wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 ta' Marzu, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah mill-akkuzi kollha w, fl-eventwalita' li dina l-Qorti tikkonferma l-htija tieghu, tirriforma l-piena ghal wahda aktar ekwa w gusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti w li l-piena imposta hija wahda esagerata. Illi ma giex pruvat l-element materjali ghax il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova li l-appellant kien ha xi mobbli jew xi dokumenti . Umbaghad dwar il-piena ta' xahar prigunerija hija konswetudini li qatt ma tinghata piena ta' prigunerija f' dan it-tip ta' reat u fil-fatt il-proviso tal-artikolu 85 tal-Kap.9 jaghti diskrezzjoni lill-Qorti sabiex minnflok il-piena ta' prigunerija taghti l-piena ta' multa. Li l-kaz kriminali ha madwar erba snin biex jigi deciz u dan id-dewmien ta' snin ma kienx tort tal-appellant u hu principju legali li meta l-proceduri penali jiehdu tul minghajr bzonn, dan ghandu jkun fattur li jimmitiga l-piena. Illi l-proceduri kienu nbdew meta l-partijiet kienu fi proceduri ta' separazzjoni li issa gew konkluzi w mhux haga rari li fi proceduri ta' separazzjoni l-konjugi jaghmlu ghadd ta' rapporti kontra xulxin u dan kien l-animu tar-rapport u ghalhekk din ma kienetx xi haga ta' natura gravi ghaliex ma kellha ebda konsegwenzi .**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid waqt l-udjenza tal-14 t' April, 2005;**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Rat il-verbal li bih il-Prosekuzzjoni w l-parte civile ddikjaraw li f' kull kaz ikun hemm lok ghal temperament fil-piena u li din m'ghandhiex tkun wahda karcerarja.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mix-xhieda mismugha mill-gdid minn din il-Qorti jemergu dawn il-fatti saljenti w cioe' :-**

P. S. 38 Paul Zahra **xehed li fis-26 ta' Lulju,** 2002, **(emfasi ta' din il-Qorti) , f' xil-1.15 pm kienet marret l-ghassa Sally Anne Cettina Sacco w irrapportat li meta dak in-nhar kienet marret id-dar taghha n-Naxxar kienet sabet il-bieb ta' barra llokkjat u ma setghetx tiftah u kienet dahlet mit-tieqa tal-kcina li kienet miftuha u kienet sabet il-kompressur fil-gnien u xi appliances fuq gewwa neqsin. Hu kien mar fuq il-post u vverifika li l-bieb ma setax jinfetah minn barra u li kien hemm oggetti nieqsa . Meta kien kellem lill-appellant dan kien cahad kollox anzi kien qallu li hu stess kien sejjer l-ghassa jaghmel rapport dwar l-istess haga u fil-fatt fid-29 ta' Lulju, 2002 kien ghamel rapport li kien sabhom nieqsa hu ukoll. Id-dar kienet vojta minn ghamara. In kontroezami, s-Surgent xehed li ma kienx staqsa lill-partijiet meta kienu raw l-oggetti l-ahhar . L-appellant kien qallu li l-ahhar li kien dahal hemm kien xi sitt xhur qabel u dan mall-Pulizija.**

Sally Anne Sacco **, mart l-appellant , xehdet li f' Lulju, 2001 kienu naqsuha files . F' Gunju, 2001 kienet marret tghix ma' ommha u l-appellant kien mar joqghod hemm maghha biex forsi jirrangaw naqra z-zwieg taghhom u kienu hallew id-dar bl-ghamara fiha. Kellhom cwievet it-tnejn. Kienet hadet il-files ghand ommha. Zewgha kien ha l-file li hi kienet izzomm**

**kollox fih u kien rega' mar fid-dar matrimonjali u wara ftit kien telaq minn hemm . Fi Frar, 2002, meta hi kienet marret id-dar ghall-kostumi tal-karnival tat-tfal rat li l-bieb kien naqra iebes u qalet "*hawhekk something was funny so well ghax ilna ma nifthu"* imma dahlet u rat l-ghamara kollha imcaqalqa w ssuspettat u haditilha r-ritratti w kienet ghamlet mandat t' inibizzjoni kontra zewgha biex ma jkomplix icaqlaq l-ghamara jekk kellu intenzjoni li jcaqalaq l-ghamara. Dak in-nhar it-tieqa tal-kcina kienet miftuha .Il-bibien interni kienu "locked" u bla "key" u kellha tisgasshom.** L-ghamara kien ghadha hemm **imma parti minnhga kienet imcaqalqa. Meta umbaghad kienet regghet marret id-dar ma missieha f' Lulju, 2002, rat li l-kompressur tal-air conditioner ta' barra nieqes.**

**L-appellanti xehdet li l-files issa m'ghandhiex bzonnhom aktar ghax issa nqatghet is-separazzjoni w l-ghamara hadha l-appellant. Hi m'ghandhiex interess u ma tridx li l-appellant imur il-habs u l-kawza tista' taqa' ghaliha. Il-file l-appellant kellu dritt izommu daqsha. L-appellant kien mar fid-dar konjugali fejn huma t-tnejn kellhom access. L-appellant ma kellux cavetta tad-dar ta' ommha pero'. Ommha kienet rat lill-appellant jiehu l-file .**

Maria Stella Abela **, omm il-kwerelanti, pero' xehdet biss li meta l-appellant kien telaq mid-dar taghha fejn kien gie jghix ma' bintha l-kwerelanti, kienet ratu niezel b' borza sewda li pero' ma tafx x' kien fiha w ha xi affarijiet ohra naturalment tieghu w wara bintha kienet qaltilha li naqsilha l-file. Hi pero ma ratux hiereg bil-file. Bintha w l-appellant kienu marru joqghodu maghha f' Gunju, 2001 u wara xi xahar l-appellant kien telaq u rega mar in-Naxxar u bintha kienet baqghet maghha.**

L-appellant **xehed li l-file ma kienx hadu w kienet martu li kienet hallietu n-Naxxar . Hu kien qalilha li l-file li kien id-dar tan-Naxxar mhux hu kien hadu . Dan il-file kien fih ricevuti ta' dak li kienu xtraw waqt iz-zwieg.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "*ragion fattasi*" taht l-art.85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha u cioe' :-**
(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi , liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni , espressa jew prezunta , ta' dan il-hadd iehor;
**(b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt ;**
**(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika ; u**
**(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi**
**(Ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia" **[17.2.95] ; "I**l-Pulizija vs. Reno Micallef" **[6.6.95],** "Il-Pulizija vs. Mark John Schembri" **[18.9.2002] u ohrajn )**

**Illi fil-fehma ta' din il-Qorti mill-provi mismugha minnha ma jirrizultawx dawn l-elementi . Illi l-akkuza tar-reat ta' ragion fattasi kontra l-appellant tirriferi ghal zewg incidenti differenti . L-ewwel wiehed jirrigwarda tfixkil lil martu Sally Anne Sacco fil-pussess ta' hwejjigha meta ha diversi oggetti mid-dar matrimonjali "Country Cottage" , Triq ic-Cili , Naxxar,** bejn Gunju w Dicembru, 2001**. It-tieni incident jirrigwarda it-tehid ta' file dokumenti w karti mid-dar Thomastown, 37, Triq Guze' Borg, San Gwann, fejn martu kienet qed tghix mall-genituri taghha f' Lulju, 2001.**

**Issa dwar l-ewwel incident bl-ebda mod mill-provi prodotti ma rrizulta li bejn Gunju w Dicembru, 2001 , l-appellant kien fixkel lill-martu fil-pussess ta' hwejjigha billi ha diversi oggetti mid-dar matrimonjali tan-Naxxar . Anzi dan hu kontradett proprju mill-istess depozizzjoni ta' martu quddiem din il-Qorti li qalet li meta hi kienet dahlet fid-dar konjugali f' Jannar jew fi Frar, 2002 , <u>l-ghamara kienet ghadha hemm kollha</u> ghalkemm parti minnha kienet tidher imcaqalqa minn**

**postha. Inoltre ma ngabet ebda prova li din l-ghamara kienet giet imcaqalqa minn postha mill-appellant u billi giet imcaqailha minn postha dan zgur li ma jikkostitwix ir-reat in ezami ghax anki kieku ghal grazzja tal-argument kellu jirrizulta li kien zewgha li kien caqalaq din l-ghamara minn postha gol-istess dar konjugali fejn kellu kull dritt ta' access , dan zgur ma jammontax ghar-reat in dizamina. Ghalhekk dwar dan l-incident ma jirrizultax pruvat li l-appellant fil-fatt kien ghamel xi haga bi ksur tal-ligi. Lanqas ma jidher li l-akkuza kif redatta tirrigwarda l-fatt li l-bieb ta' barra ma setax jinfetah u/jew li xi bibien interni kienu msakkra. U f' kull kaz lanqas hemm l-icken prova li kien l-appellant li ghamel dan u fiz-zmien indikat fil-komparixxi.**

**Dwar it-tieni incident umbaghad , hawn ukoll il-provi ma jwasslux ghall-htija tal-appellant. Kull ma rrizulta hu li omm mart l-appellant, Maria Stella  Abela kienet ratu hiereg mid-dar taghha, fejn kienu alloggjati temporanjament il-konjugi Sacco , b' borza tal-plastric sewda , <u>li pero' ma kienetx taf x' fiha</u>.   Wara bintha qaltilha li kienet naqsitha l-file. L-appellant cahad kategorikament li l-file kien hadu hu w sostna li dan martu kienet hallietu fid-dar tan-Naxxar u li hu kien qalilha b' dan dak iz-zmien. Ghalhekk fl-istat tal-provi kif irrizultaw quddiem din il-Qorti, zgur li ma jirrizultax li f' Lulju, 2001 l-appellant kien fixkel lil martu fil-pussess ta' hwejjigha billi ha l-file mid-dar ta' ommha.**

**F' kull kaz anki kieku kellu jirrizulta li l-file kien hadu mieghu l-appellant meta kien irritorna fid-dar konjugali tan-Naxxar wara li l-konjugu kienu qattghu xi zmien ghand omm martu , ladarba dan il-file, kif xehdet l-istess martu, kien fih dokumenti li juru x' kienu xtraw il-konjugi waqt iz-zwieg , hu kellu kull dritt li jzommu daqs kemm kellha martu . Lanqas ma rrizulta li f' dak iz-zmien martu kienet talbitu l-file u li hu rrifjuta li jatihulha.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-

akkuza dedotta kontra tieghu w b’ hekk tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------